**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 9 ta' Novembru 2001**

**Numru** **21**
**Citaz. Nru.** **2266/96 FDP**

**Joseph Muscat**
**Vs**
**Charles Poole**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-28 ta' Gunju 1996 fejn gie premess:-

Illi fil-11 ta' Lulju 1995 waqt li Conrad Muscat kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni E-4423 propjeta` ta' Joseph Muscat go Triq Qrejten, il-Hamrun, gie investit mill-vettura numru ta' registrazzjoni E-6020, misjuqa mill-konvenut u bhala konsegwenza l-vettura E-4423 sofriet danni ngenti;

Illi ghal dan l-incident kien jahti unikament il-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kollox kif jigi pruvat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi interpellat jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati il-konvenut baqa' inadempjenti anke wara li saritlu ittra ufficjali;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in segwitu ta' l-incident f'somma li ghandha tigi stabbilita jekk ikun hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk kikwidata;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Settembru 1995, u dik ipprezentat kontestwalment ma' dina l-kawza lis-socjeta` aggikurattrici tal-konvenut bl-imghax legali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ta' l-24 ta' Novembru 1997 fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni gara tort unikament ta' l-attur stess;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-ahhar verbal taghha tat-13 ta' Lulju 2001 fejn awtorizzat il-prezentata tan-noti mill-kontendenti sa' l-ahhar ta' Awissu, u osservat li baqghu ma gew ipprezentati ebda noti;

Ikkunsidrat:-

Provi:

Illi l-incident mertu ta' din il-kawza sehh fi Qrejten Street, Msida nhar il-11 ta' Lulju 1995 ghall-habta tas-1:05 pm. L-attur kien qed isuq il-vann tieghu fi Qrejten Street sejjer fid-direzzjoni tal-Hamrun, filwaqt li l-konvenut kien gej minn Wenzu Mallia Street u dar ghal go l-istess Qrejten Street. Mill-iskizz jidher li l-

habta saret f'dik il-parti ta' Qrejten Street ftit 'l isfel mill-kantuniera;

Illi l-attur Conrad Muscat fl-affidavit tieghu (fol 25-26) spjega li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu "*… pjuttost lejn in-nofs tat-triq peress li fuq ix-xellug tal-vettura tieghi, (faccata tal-hajt tal-liceo) kien hemm karozzi pparkjati tul it-triq kollha.*" Kompla jghid li huwa innota li waqt li l-konvenut kien qed jikser ghal gewwa Qrejten Street minn Wenzu Mallia Street, l-istess konvenut kien aljenat ixejjer u jkellem Lil persuna fuq in-naha l-ohra tat-triq. Qal li paqpaq il-horn biex jigbidlu l-attenzjoni u anke ibbrejkja, (fil-fatt fl-iskizz tnizzel notament dwar il-*break marks* ta' 1.5m) "*… izda xorta baqa' diehel fuqi.*";

Illi l-konvenut Charles Pool fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti (fol 69-71) qal hekk: "*Jiena kont gej mill-banka tal-lottu jigifieri mill-Hamrun sejjer lejn l-Imsida; kont miexi niezel lejn in-nizla; kont miexi normali; u sar l-incident. Jiena sibt il-vann ma' wicci.*"

Illi kontro-ezaminat, mistoqsi jekk waqt li kien qed jimmanuvra dik il-kantuniera kienx hemm xi hadd li huwa kien qed isellem, huwa xehed li "*Nispjega illi kien hemm habib tieghu li fil-fatt sellimli u jiena wegibt it-tislima tieghu, pero' ma hrigtx barra minn triqti.*"

Illi s-surgent Carmelo Costa, PS1283, fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti qal li huwa mar fuq il-post ta' l-incident, ghamel l-iskizz u kellem iz-zewg partijiet. L-attur qallu li huwa kien tiela'

go Qrejten Street lejn il-Hamrun u li mil-lemin tieghu, jigifieri minn go Mallia Street, kisret il-karozza tal-konvenut. Huwa ra lill-konvenut qieghed isellem lil xi persuna li kienet fuq il-lemin ta' l-istess konvenut u huwa baqa' diehel fih. Il-konvenut min-naha tieghu qallu li dar ghal go Qrejten Street u l-vettura ta' l-attur baqghet diehla direttament fih;

Illi dwar hsarat, is-surgent ikkonferma li l-vettura misjuqa mill-attur kellha hsarat fuq quddiem bid-daqqa principali fuq il-lemin, filwaqt li dik misjuqa mill-konvenut kellha quddiem ukoll, bil-hsara fuq il-lemin taghha;

Illi spjega ukoll li meta wasal fuq il-post ma kienx hemm karozzi pparkjati u t-triq ma kinitx imblukkata. Qal li t-traffiku li kien gej mill-Imsida kien qed jghaddi minn fuq ix-xellug tal-vettura ta' l-attur;

Kunsiderazzjonjiet:

Illi mir-ritratti esebiti mill-attur fl-4 ta' Mejju 2000 (fol 63-67) jidher li Qrejten Street ghandha wisa' ta' tlett karozzi. Fuq in-naha tax-xellug taghha (meta qed thares lejn id-direzzjoni tal-Hamrun) hemm impingija kaxxi bojod li jindikaw li jistghu jipparkjaw il-karozzi ma dik in-naha tat-triq. Ghalkemm mhux maghruf jekk dawk il-linji kinux hemm dak in-nhar ta' l-incident, l-attur u x-xhieda tieghu Louis Muscat, Diana Muscat u Agnes Minuti, ilkoll jikkonfermaw li kien hemm karozzi pparkjati tul it-triq kollha fuq in-naha tal-hajt

faccata tal-hajt tal-Liceo, u cioe` fuq ix-xellug ta' l-attur;

Illi ghalkemm is-surgent qal li meta mar fuq il-post ma kienx hemm karozzi pparkjati, u l-konvenut, kontro-ezaminat, cahad li kien hemm xi karozzi pparkjati li tnehhew fl-intervall, jidher li f'dik it-triq il-karozzi jipparkjaw man-naha tal-hajt faccata dak tal-liceo. Anke jekk propju fil-parti ta' fejn sar l-incident ma kien hemm ebda karozzi pparkjati, jirrizulta mix-xhieda li f'partijiet ta' Triq Qrejten kien hemm effettivament karozzi pparkjati. Dan ifisser li l-karreggjata ta' vetturi li jkunu sejrin fid-direzzjoni tal-Hamrun, bhal ma kien sejjer l-attur, hija propju f'nofs tat-triq. Harsa ohra lejn ir-ritratti turi fil-fatt li r-rampi (*sleeping policemen*) jibdew mill-karozzi pparkjati u jispiccaw mal-bankina tal-hajt tal-Liceo. Anki jekk dawn ir-rampi ma kinux hemm dak in-nhar ta' l-incident, dawn jikkonfermaw li vetturi li jkunu sejrin fid-direzzjoni ta' l-attur m'ghandhomx ghazla ohra hlief li jsuqu ezattament fin-nofs tat-triq, kif fil-fatt kien qed jaghmel l-attur (kif jidher mill-posizzjoni tal-vettura tieghu kif indikata fuq l-iskizz, li skond is-surgent huwa *to scale).* Ovvjament, tali vetturi jghaddu fin-nofs tat-triq tul it-triq kollha, anki f'partijiet tat-triq fejn m'hemmx vetturi pparkjati, kif seta' kien il-kaz fil-post fejn sar l-incident in kwistjoni. Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-attur kien miexi sewwa, u mhux man-naha hazina tat-triq;

Illi l-konvenut kien gej minn Triq Wenzu Mallia u dahal fi Triq Qrejten, it-triq li minnha kien

tiela' l-attur. Minn harsa lejn l-iskizz jidher li l-vettura tal-konvenut hija pjuttost maqlugha lejn il-lemin, u cioe` tidher xi ftit imriekba fuq il-karreggjata ta' l-attur;

Illi jirrizulta li l-konvenut kien qed isellem lil xi hadd waqt li kien qed idur ghal go Qrejten Street. Il-konvenut stess ma jinnegax li kien qed isellem lill-habib tieghu. Il-fatt li huwa kien qed isellem lil xi hadd juri li ma kienx qed jiddedika koncentrazzjoni totali lejn is-sewqan tieghu. Kien xi ftit jew wisq aljenat, u dan propju f'dak il-mument li huwa kien qed idur minn go triq ghal ohra - manuvra li tirrikjedi grad gholi ta' attenzjoni u prudenza. Huwa jinsisti li ma harigx 'il barra minn triqtu, izda l-iskizz juri mod iehor. Huwa fatt li fis-sewqan, l-aktar meta wiehed ikun ghaddej minn toroq piuttost dojoq u anki traffikuzi, hekk kif wiehed jaljena ftit ruhu u jitlef il-koncentrazzjoni tieghu anki ghal nofs sekonda, malajr jitlef il-kontroll mehtieg fuq il-vettura tieghu u din tiehu direzzjoni zbaljata anki jekk ghal ftit metri, u jistghu jigru konsegwenzi serji. Fil-kaz in kwistjoni jidher li waqt li l-attur kien qed ihares lejn dak li sellimlu, huwa qala' ghal xi mument ghajnejh minn fuq it-triq bir-rizultat li l-karozza tieghu marret xi ftit lejn il-lemin, u b'hekk dahlet xi ftit fil-karreggjata ta' l-attur u saret il-habta. Il-konvenut jghid li sab il-vann "ma' wiccu" - izda l-vann kien hemm il-hin kollu! Kien il-konvenut li ttenda bil-vann f'daqqa wahda, sfortunatament meta kien tard wisq! Triq Qrejten hija wahda twila u l-konvenut stess, fil-kontro-ezami tieghu jammetti li m'hemmx *blind corners;*

Illi ghalhekk jidher li ghall-incident in kwistjoni jahti unikament il-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta’ attenzjoni fis-sewqan tieghu;

Illi dwar id-danni, l-attur esebixxa *survey report* (fol 27) ippreparat mis-surveyor il-Kaptan Stephen Micallef li juri li l-valur ta’ *labour* u *spray* jammontaw ghal Lm270. Dan id-dokument fih elenku tal-*parts* li kollha jirrigwardaw in-naha ta’ quddiem, parti tal-lemin tal-vettura ta’ l-attur, u cioe` propju dik il-parti tal-vettura ta’ l-attur li garrbet il-hsara bhala rizuttat ta’ l-incident. Il-Kaptan Stephen Micallef, fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti jikkonferma li d-dokument gie ppreparat minnu, u spjega li huwa kkunsidra l-ammont ta’ Lm270 limitatament ghall-hsara li garrbet il-karozza f’dak l-incident; huwa ma hax in konsiderazzjoni xi daqqiet ohra li kienu jezistu precedenti ghall-habta ghalkemm naturalment kienu ser jigu rimedjati fl-istess xoghol. Dwar il-parts indikati fis-*survey* huwa spjega li ma setax jindika l-prezzijiet taghhom ghax dawn jiddependu mill-*invoice* li tkun harget ghalihom. L-attur esebixxa stima ta’ *parts* mahruga minn Michael Debono Ltd li jindikaw l-ammont ta’ *parts* in kwistjoni ghall-valur ta’ Lm271.05. Ghalhekk l-ammont totali tad-danni jammonta ghal Lm541.05.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut;

Tilqa' l-Ewwel Talba attrici u tiddikjara li kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur in segwitu ta' l-incident fl-ammont ta' hames mija wiehed u erbghin lira Maltin u hames centezmi (Lm541.05);

Tilqa' t-Tielet Talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija wiehed u erbghin lira Maltin u hames centezmi (Lm541.05);

L-ispejjez, inkluz l-imghax, kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur